KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 27** **It- Tlieta 28 t' April 2026**

Il-Kunsill Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis-18:12pm)
Aiken Zerafa - Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier (daħlet għal-laqgħa fis-18:14pm)
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Anthony Agius Decelis – Minority Leader
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**27.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

Il-Kunsilliera Abela, Buhagiar u l-Minority Leader Agius Decelis infurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi personali. Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-ittri tagħhom sabiex jiġu uffiċjalment skużati mill-parteċipazzjoni tagħhom f'din is-seduta.

**27.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti Nru 25 u 26**

**27.2.1 Korrezzjonijiet mill-Minuti Nru 25**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni, għaldaqstant, Il-minuti ta' laqgħa numru 25, ġew approvati *nem. con.*

**27.2.2 Korrezzjonijiet mill-Minuti Nru 26**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni, għaldaqstant, Il-minuti ta' laqgħa numru 26, ġew approvati *nem. con.*

**27.2.3 Aġġornamenti mill-Minuti Nru 25**

**24.3.6 Korrispondenza ma' Ragusa**

Is-Sindku u l-Viċi Sindku talbu laqgħa mal-President tar-Reġjun Trammuntana fejn ressqu talba uffiċjali sabiex il-fondi tal-Kultura 2025 jiġu estiżi għall-użu sal-2026. Dan minħabba li l-fondi li baqgħu kienu allokati għall-ġemellaġġ ma' Ragusa, u l-Kunsill qed jaħdem sabiex jorganizza żjarat bejn iż-żewġ lokalitajiet.

**24.3.8 Permessi matul iż-Żmien tal-Għid il-Kbir**

Ġie mfakkar li kien hemm qbil f'laqgħat preċedenti li l-għaqdiet Mostin jingħataw preferenza fil-postijiet ta' allokazzjoni tal-gabbani, b'mod partikolari fl-ewwel ringiela tal-parkeġġ ħdejn il-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sal-ġurnata tal-laqgħa, applikaw żewġ għaqdiet biss.

**25.4.1 Oġġezzjoni għal Applikazzjoni PA/01635/26**

Is-Sindku informa li l-applikazzjoni li dwarha l-Kunsill kien ressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, PA/01635/26, ġiet irtirata, skond komunikat li l-Kunsill irċieva fit- 22 t' April 2026.

**25.5.3 Aġġornament tat-Tender KLM 01/2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara l-proċess ta' evalwazzjoni u t-tħabbir tar-riżultati, ma ġiet riċevuta l-ebda oġġezzjoni mill-offerenti. Għaldaqstant, il- Kunsillieri qablu sabiex il-Kunsill jagħmel kuntatt mar-rebbieħ tas-sejħa sabiex jiddiskuti kif ser jipproċedu x-xogħlijiet. Il-Viċi Sindku stqarr li l-bord tat-tenders għandu jkun ċert li min intgħażel għandu l-kompetenza neċessarja biex jagħmel ix-xogħlijiet.

**25.5.6 SPI.SCI.01.2026**

Is-Sindku informa li l-Kunsill applika għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Qargħasel fuq l-istess bażi tas-sena preċedenti. Din hija skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn is-sena li għaddiet, il-Kunsill applika għal-istess skema u l-attività kienet ta' suċċess.

**27.2.4 Aġġornamenti mill-Minuti Nru 26**

Ma kien hemm l-ebda aġġornament, ħlief dak relatat mal-punt 25.5.3 dwar it-tender.

**27.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**27.3.1 Sidewalk Libraries in Your Locality**

Is-Sindku informa li l-Gvern Ċentrali se jintroduċi l-inizjattiva ta' *sidewalk libraries*, u esprima x-xewqa li l-Kunsill japplika billi jidentifika żoni addattati.

**27.3.2 Ftehim Kollettiv – Animal Steward**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Sinjura Abela, li ilha taħdem mal-Kunsill taħt l-iskema tal-animal welfare, issa se tkun ingaġġata permezz ta' kuntratt indefinit, bl-għajnuna tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. L-ispejjeż relatati se jibqgħu koperti mid-Diviżjoni kif kien isir qabel.

**27.3.3 Espressjoni ta' Interess – Minn Pjazza għal Pjazza**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx magħżula, billi ngħatat preferenza lil kunsilli li ma kinux ipparteċipaw f'edizzjonijiet preċedenti.

**27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**27.4.1 Kunsillier Schembri**

Ippropona li z-żona qrib *Savewise* ssir one-way. Il-maġġoranza tal-Kunsilliera qablu, iżda l-Viċi Sindku esprima nuqqas ta' qbil minħabba diffikultajiet fl-infurzar u n-nuqqas ta' rondi adegwati mill-awtoritajiet kompetenti.

**27.4.2 Kunsillier Grech – Infurzar tal- LESA**

Il-Kunsillier Grech qajjem tħassib dwar nuqqas serju ta' infurzar tat-traffiku meta mqabbel ma' snin preċedenti, fejn kien hemm preżenza iktar frekwenti ta' uffiċjali tal-komunità.

**27.5 Rapporti**

**27.5.1 LESA – Kuntratt tal-Uffiċċji, Triq Kurat Schembri**

Ġie diskuss il-fatt li l-kuntratt ta' kiri tal-uffiċċji skada fl-2025 u li hemm diversi diffikultajiet operattivi bejn LESA u l-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li tintalab laqgħa urġenti mas-CEO, is-Sur Flores, sabiex jiġu ndirizzati dawn il-kwistjonijiet.

**27.5.2 Scale 15 – Clerical Officer**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-ħatra fis-suġġett, fejn kien hemm intervisti mal-kandidati eliġibbli. Dan ir-rapport ġie approvat. Għaldaqstant, il-Kunsillieri preżenti qablu lis- Segretarju Eżekuttiv jipproċedi bil-ħatra tas-Sinjura Xuereb.

**27.5.3 Tender KLM 01/2026**

L-aġġornamenti dwar dan it-tender diġà ġew ippreżentati f'punti preċedenti.

**27.5.4 Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill ikkunsidra kandidati eliġibbli minn fost l-istaff fuq direzzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u kif indikat skond ir-rekwiżiti legali. Is-Sinjura Rita Galea aċċettat li tokkupa din il-kariga f'każ ta' nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-ħatra ġiet approvata unanimament.

**27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**27.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

Il-Pagamenti Nru 172 ġew approvati mill-membri preżenti *nem. con.*

**27.6.2 Purchase Orders**

Il-lista preżentata ġiet approvata mill- membri preżenti *nem. con.*

**27.6.3 Works Orders**

Il-lista ta' works orders ġiet approvata mill- membri preżenti *nem. con.*

**27.6.4 Petty Cash**

Ir-rendikont tal-petty cash ġie approvat mill- membri preżenti *nem. con.*

**27.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduti li Jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8:28pm, u kien maqbul illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 28, ser issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |